MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 671/2009

Elmo Insurance Limited (C3500).

Vs

Joseph Borg (Id. 316953M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' elfejn, tnejn u erbghin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€2,042.27) minghand il-konvenut, rapprezentanti bilanc ta' somma akbar dovuta bhala *premiums* fuq poloz mahruga mill-kumpanija attrici favur il-konvenut, li minkejja li gie mitlub sabiex ihallas, baqa inadempjenti. Bl-ispejjes inkluz dawk tal-mandat kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma l-Avviz u bl-imghax tal-8% mill-11 ta' Settembru 2006, data tal-ahhar invoice, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra n-nota tal-konvenut Joseph Borg, fejn huwa ammetta t-talba attrici kif dedotta kontra tieghu.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni tal-konvenut stess, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, tnejn u erbghin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€2,042.27), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------